MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

L-GĦAXAR KUNSILL

SEDUTA NRU. 24 – Il-Ġimgħa 28 ta' Mejju 2026 fis-2:30 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar il-Ġimgħa 28 ta' Mejju 2026 fis-2:30 ta' wara nofsinhar

Preżenti :

Kevin Cauchi	Sindku
Joseph Debono	Viċi Sindku
Larry Buttiġieġ	Kunsillier
Stephen Mercieca	Kunsillier
Teddy Saliba	Kunsillier
Lucienne Haber	Segretarju Eżekuttiv

24.1 Talba

24.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

24.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

24.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

24.3.1 Ma kien hemm ittri ta' apologija.

24.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

24.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-attivita ta' *tree planting* li ser norganizzaw f'Ta' Passi fejn ser nħawwlu madwar 65 siġra . Is-siġar ser ikunu sponsorjati mill-White Knight, mis-Sur Raymond Grech u mill-istabiliment One80. L-attivita' ser issir nhar it-12 ta' Ġunju u ser jiġu jgħinunha l-NGO Siġar flimkien ma' klassijiet mit-tfal tal-iskola. Is-siġar ser jitħawwlu f'art li hija devoluta lil Kunsill u ser jieħu ħsieb dawn is-siġar, bidwi li hemm fil-qrib inkluż it-tisqija, bil-patt li hu ikun jista johrog liż-żiemel u nagħaġ tiegħu fl-għalqa. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

24.4.2 Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-vandaliżmu li kien qed isir f'Ta' Passi billi jinqala' r-railing ħdejn il-forn ta' Bethlehem. Bħalissa ma' nistgħux inżidu iżjed cameras u l-bidwi tal-qrib offra li jagħmel il-cameras mal-faċċata tal-proprjeta' tiegħu u jkun jista jagħtina aċċess. L-għada li twaħħlu l-cameras rċevejna email mingħand persuna li qed niksru l-liġi tad-data protection. Il-bidwi lest li anke jtina l-aċċess tal-cameras tiegħu biex tassistina nikkontrollaw il-vandaliżmu.

24.4.3 Is-Sindku reġgħa aċċena għall-applikazzjoni li ser napplikaw għall-PVs fuq il-Kunsill, fuq il-librerija. Huwa propona li għandna ninkludu ukoll it-tisqifa fuq il-Boċċi Pitch ta' Għajnsielem Learning Garden taħt l-iskema SPI\SCI\5 \ 2026 Komitajiet aktar b'sahhithom. Dan ikun proġett ta' investiment fil-konsum tal-energija u l-kontijiet jiġu break-even u jservu bħala miżura ta' cost saving tal-fondi tal-Kunsill. Taħt din l-iskema sar qbil ukoll li ninkludu wkoll it-tisbiħ pjanat għaż-żona ta' wara l-Grand Hotel.

24.4.4 Is-Sindku għamel referenza wkoll ghat-talba li kellna għal-laqgħa minn Europa Nostra biex ikellmuna fuq il-preservazzjoni tal-British Barracks. Il-Kunsill qabel li ma nsibux oġġezzjoni li niltaqgħu magħhom iżda wara l-elezzjoni minħabba li kulħadd impenjat, għaliex xieraq li nkunu preżenti l-Kunsill kollu.

24.4.5 Is-Sindku aċċena wkoll għal fatt li qed ikun hemm karozzi li jipparkjaw quddiem il-garages ta' taħt il-kazin bil-konsegwena li min għandu garage ma jkunx jista joħroġ bil-vettura tiegħu. Is-Sindku propona li nitkellmu mal-Kazin tal-Banda u anke Transport Malta u forsi anke ssir bollard

24.4.6 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-fatt li ufficjali tal-Lesa ġibdulna l-attenzjoni li qed ikun hemm sewieqa ta' muturi li qed jgħaddu minn Ta' Passi u joħorgu għal Triq l-Imgarr u qed ikunu ta' periklu. Gie diskuss x'miżura tista tigi addottata biex jitwaqqaf milli jsir dan pero ma ttiehdet l-ebda deċizzjoni.

24.4.7 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal fatt li l-proġett taz-zuntier ta' Lourdes baqa ma nbediex peress li l-kampjun originali tal-madum ma kienx sabih. Issa l-kuntrattur providilna verzjoni oħra li hija aktar addatata. Sar qbil li l-proġett issa jista jingħata bidu.

24.4.8 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera bil-fatt li din il-ġimgha ġejna notifikati b'telefonata li wieħed mill-ħaddiema tal-Community ser jigi trasferit f'post ieħor b'effett immedjat. Huwa esprima d-diżżapunt kbir tiegħu billi bagħat ittra iebsa lill-Kap tal-iskema b'kopja lid-DG tal-Kunsilli Lokali Emil Vassallo u lill-President tal-AKL Mario Fava fejn qalilhom li mhux ġust kif imxew l-affarijiet. Il-President tal-AKL weġibna lura u qal li ma jistghux isiru dawn l-affarijiet

mingħajr ma niġu kkonsultati. Sadanittant wara din l-email infurmawna li ser jagħtuna sostituzzjoni.

24.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

24.5.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa jekk it-Tender tal-Pjazza ġiex ippublikat. Is-Sindku wieġbu li għadu le peress li qed nistennew l-ispeċifikazzjonijiet mill-professjonijsti li qabbadna.

24.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex isir tindif ħdejn it-taraġ ta' Lourdes.

24.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex titwaħħal bozza f'kantuniera fi Triq il-Provigarju . Is-Sindku wieġbu li din it-talba jaf biha iżda rridu kunsens bil-miktub li tista teħel mar-residenza fejn qed tiġi proposta. Jekk inġibu l-kunsens nkunu nistgħu nagħmluha.

24.5.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca ġie nfurmat li għandha tintbgħat email lil-Kunsill Lokali bi proposta biex issir it-tiġrija taż-żwiemel fi Triq l- Imgarr. Ġiet diskussa din il-materja u s-Sindku ddikjara li huwa kontra li ssir it-tiġrija f'din it-triq iżda jekk il-kunsilliera jħossu li għandu jittieħed vot, huwa ma jsibx problema. Is-Sindku qal li mhux kontra li ssir it-tiġrija iżda mhux fi Triq l-Imgarr jew triq oħra residenzjali. Ġew diskussi possibilitajiet oħrajn. Il-Kunsillier Stepehen Mercieca ppropona li ssir fi Triq il-Qala fil-parti tal-impjanti. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Il-Kunsillier Larry Buttigieg stqarr li waqt li huwa tal-fehma li jipproteġi t-tradizzjonijiet, jifhem li r-responsabilita' tat-tiġrija ma għandiex tkun fuq il-Kunsill iżda fuq l-organizzaturi. Is-Sindku stqarr ukoll li jaf kemm kienu jbatu r-residenti ta' Triq l-Imgarr meta kienet tiġi organizzata t-tigrija fit-triq tagħhom u jħoss li għandu jitkellem għalihom. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu joffri lill-organizzaturi din il-proposta ta' triq alternattiva.

24.5.5 Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa fuq f'hiex wasal it-tindif tal-wied. Is-Sindku wieġbu li l-Ministeru għal Għawdex infurmana li t-tender intrebaħ iżda x-xogħol għadu ma bediex.

24.5.6 Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa wkoll jekk inbediex ix-xogħol tat-tender tal-arkata. Is-Sindku wiegbu li beda x-xogħol tat-tindif taħtha u mistenni li jinbeda ma jdumx.

24.5.7 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex jitnaqqsu xi ftit id- double yellow lines li saru fi Triq Sant'indrija għax ġew ftit twal iż-żejjed.

24.5.8 Il-Vici Sindku Joe Debono għamel referenza għal għadd ta' ilmenti dwar il-knis tat-toroq. Is-Sindku kkonferma dawn l-ilmenti u wieġbu li ntbaghtet l-ewwel Twissija *(warning)* lill-kuntrattur. is-Sindku saħaq li dawn suppost għandhom skeda ta' kif isir it-tindif li jimxu magħha u li jigu jiffirmaw, u mhumiex jonoraw dawn ir-responsabilitajiet. Huwa spjega wkoll kif naqqasnilhom ix-xogħol billi ġibna l-magna u flok żiedu l-*output* tax-xogħol, dan minflok naqas.

24.5.9 Il-Vici Sindku Joe Debono talab sabiex isiru *double yellow lines* quddiem rampa fi triq Ħamri. Is-Sindku wieġbu li dawn inżebgħu dakinhar stess filgħodu.

24.5.10 Il-Vici Sindku Joe Debono talab sabiex nagħmlu ittra bil-miktub biex nħarrku bus stop aktar il-fuq fi Triq il-Ġnien. Is-Sindku wieġbu li din kien hemm kwistjoni dwarha u mhux la kemm tinstab soluzzjoni għaliex TM jridu ittra bil-miktub tal-kunsens mis-sidien tad-dar fejn qed jiġi suġġerit li ssir il-bus stop .

24.5.11 Il-Viċi Sindku Joe Debono għamel referenza għall-karozza li ilha pparkjata fi Triq Malta fuq yellow lines għal żmien twil. Is-Sindku wieġbu li l-Community Police jinsab infurmat biha wkoll.

24.5.12 Il-Viċi Sindku Joe Debono irrapporta bozza maħruqa fi Triq Lord Nelson.

24.6 Korrispondenza

24.6.1 Saret referenza għall-Get Together attivita' tas-sajf organizzata mill-AKL nhar l-10 ta' Lulju. Il-kunsilliera huma lkoll mistiedna.

24.6.2 Il-Kunsill feraħ lis-Sinku Kevin Cauchi għal ħatra tiegħu bħala rapporteur fl-opinjoni dwar l-Istrateġija tal-Portijiet tal-UE fil-Kumitat tar-Reġjuni. Dan huwa ċertament ta' unur kemm għal Għajnsielem u anke għal Għawdex.

24.7 Materji oħra

24.7.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi

24.8 Approvazzjoni tal-Pagamenti

24.8.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti numru : 153 u ġew approvati.

24.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

24.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3:30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju 2026 fin-2:30 ta' wara nofsinhar.

Kevin Cauchi
Sindku

Lucienne Haber
Segretarju Eżekuttiv